MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 882/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Dorian Azzopardi, 17 il-sena, iben Saviour u Maria Grazia nee` Callus, imwieled Pieta`, nhar it-13 ta' Jannar, 1994 u li joqghod nru. 18, The Linnet, Ta' Brandin, Siggiewi, detentur ta' karta ta' l-identita` nru 43594M**

**-------------Omissis------------------**

**Jake Camilleri, 15 il-sena, iben Marcus (Marco) u Maria Dolores nee` Mifsud, imwieled Pieta` nhar il-25 ta' Jannar, 1999 u li joqghod nru. 5, Palm Grove, Triq it-Telekomunikazzjoni,Naxxar, detentur ta' karta tal-identita` nru 58896M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli nhar is-7 ta' Novembru 2010, ghall-habta ta' 1.30am, fi Triq id Dragonara (Paceville) San Giljan:

(1) ikkommettew serq ta'mobile phone , li jgib l-IMEI no. 357559013507102, minn fuq il-persuna ta' Zoe Calleja, liema serq huwa ikkwalifikat bil- vjolenza ai termini tal-artikolu 262(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Zoe Calleja u/jew Stephen Calleja u/jew persuna/i jew xi entita` u/jew entitajiet ohra;

(2) ikkagunaw griehi ta' natura hafifa, fuq il-persuna ta' Zoe Calleja skond kif iccertifika Dr. Alex Portelli M.D. mis-St. James Hospital.

------------Omissis------------

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa taghhom, il-fatt illi l-imputati kienu taht l-eta fiz-zmien tal-

kummissjoni ta’ dan ir-reat u llum stess seduta stante ikkompensaw lill-vittma ghad-danni sofferti minnha. Inoltre l-parte leza iddikjara illi hija sofriet griehi hfief illi fiequ kompletament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(1)(a)(b), 221 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lil hatja bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------